MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 37/2012

**Appell Numru: 37/2012**

**Il-Pulizija
[Spettur Bernard C. Spiteri]
Vs
Bartolomew Bonnici**

Illum, 31 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Bartolomew Bonnici detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 770461M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-30 ta' Gunju, 2011 ghal-habta tas-06:30hrs fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Naxxar limiti tal-Maghtab:

1. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;
2. Aktar talli insulenta, hedded u/jew ingurja lil Stephen Vella bi kliem mhux imsemmija banda' ohra f'dan il-kodici

jew jekk kien ipprovoka ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

3. Aktar talli qal kliem vulgari fil-pubbliku;

4. U aktar talli fl-imsemmija data u hin rema, tefa jew xort' ohra iddepozita f'post jew gewwa post fil-berah li l-pubbliku ghandu access jew jista` jidhol fih minghajr hlas, jew halla xi haga lit kun f'cirkostanzi tali li kkaguna jew ikkontribwixxa jew seta` wassal ghal istkerrih ta' xi post fil-berah b'dan l-iskart u zibel u cioe` bzieq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338(dd)(bb) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil imputat hati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet u b'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-akkuzat ghandu jobbliga ruhu li jzommu l-kwiet mal-istess Stephen Vella u jekk b'xi mod li jkun naqas minn din l-obbligazzjoni, jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta' hames mitt (500) Euro penali ordnata bid-decizjoni hawn fuq imsemmija, li ghandha tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta' sena (1).

Rat ir-rikors tal-appellant Bartholomew Bonnici minnu pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma, timmodifika u temenda s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonferma l-liberazzjoni ta' l-esponent mir-raba' akkuza, tillibera lilll-espoenent mir-rimanenti akkuzi migjuba kontra tieghu, u cioe` mill-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi, u tilqa` l-eccezzjonijiet minnu mressqa jew tiddikjarah mhux hati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Bartholomew Bonnici, in succinct jikkonsistu fis-segwenti:

I. Illi l-esponent jidhirlu li gie notifikat bl-akkuza aktar minn tliet xhur wara l-incident, u mhuwiex edott jekk gewx presentati riferti li juru mod iehor; ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-fatt illi l-preskrizzjoni hija materja sollevabbli ex ufficio, sabiex tivverifika dan.

II. Illi d-difiza kellha bzonn lix-xhud Daniel Xerri, li kien l-uniku xhud estranju ghall-partijiet u li kien xhud okkulari ta' l-incident kollu, u dina l-Onorabbli Qorti ghandha ghalhekk tisma lil tali xhud;

III. Illi ghalkemm huwa minnu li l-parti civili ma nqabadx f'inkonsistenzi, anke l-verzjoni ta' l-esponent kienet konsistenti, u f'ebda moment ma tressqet ebda prova li setghet teghleb b'xi mod l-oneru tal-prova li jezisti favor l-akkuzat;

IV. Illi l-esponent ma ghandu ebda provlema jzomm il-kwiet ma' Stephen Vella, tant illi kull incident li qatt kien hemm bejn il-partijiet dejjem kien ipprovokat minn Stephen Vella; madanakollu, huwa jibza` mill-garanzija imposta ghax jibza li Stephen Vella jerga` jaghmel akkuzi foloz fil-konfront tieghu u li jekk jerga` jigi emmnut bil-kelma tieghu biss kontra l-kelma ta' l-esponent, allura l-esponent ma jgawdix mill-protezzjoni tal-prezunzjoni ta' l-innocenza.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi bejn l-appellant u Stephen Vella hemm attrit illi ilu ghaddej iz-zmien b'rapporti li jikkomprendu varjeta ta' suggetti bhal proceduri ta' Sanita, dwar sewqan, proceduri dwar glied bil-kliem, kif ukoll procedura talli kkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' l-appellant. Dan il-kaz kien wiehed min dawn is-serje ta' ncidenti illi nqalghu bejniethom, fit-30 ta' Gunju, 2011 certu Benny Scerri ried ihott xi merkanzija fil-propjeta ta' l-appellant u sabiex jipparkja quddiem il-propjeta, ghadda minn fuq il-bankina ta' quddiem ta' Stephen Vella u kissirlu l-ghatu ta' l-inspection box. Vella kien qieghed fil-vicin u ha ritratti ta' din il-hsara u jghid illi kien f'dan l-istadju illi l-appellant beda joffendih u jkellmu hazin. Vella jikkonferma li l-van kien qieghed isuqu haddiehor pero' fuq inkarigu ta' l-appellant sabiex dan ta' l-ahhar ikun jista jhott il-gwiez b'aktar kumdita. L-appellant ikkonferma illi l-van wassal konsenja ta' gwiez u li veru tela' fuq il-bankina

sabiex ma tinghalaqx it-triq. L-ghatu ta' l-inspection box kien imkisser diga u ghalhekk ghamel pjanca halli ma ssirx aktar hsara. Stephen Vella hareg jiehu ritratti izda skont l-appellant ma kellmux, l-ghatu ta' l-inspection box sar fil-21 ta'Mejju, 2011 u ma sarx sew.

Ikkunsidrat.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu trid tiddisponi minn eccezzjoni ta' preskrizzjoni illi qajjem l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu. Veru illi fil-prima stanza din l-eccezzjoni ma tqajmitx pero' huwa rikonexxut fl-ordaniment guridiku nostana illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista titqajjem f'kull stadju anke f'dak ta' l-appell. L-appellant qieghed jghid illi huwa ma giex notifikat b'dawn l-akkuzi kontravenzjonali entro t-terminu ta' tliet xhur preskritt mill-Ligi. Mill-Atti ma tirrizultax notifika wahda u ghalhekk l-akkuzi jinsabu preskritti u kellu jigi liberat. Minn nahha l-ohra l-Avukat Generali qieghed jargumenta illi l-akkuza mhijiex preskritta u jekk id-difiza rrizultala mod iehor allura ghandha ggib il-provi hi.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi persuna li tkun akkuzata b'xi reat jew kontravenzjoni mhi tenuta ggib l-ebda prova u darba titqajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tipprova illi l-akkuza ma kienetx preskritta u l-azzjoni setghet titmexxa. Ma hemm l-ebda onoru fuq imputat illi jgib il-provi hu u juri illi l-azzjoni kienet preskritta. Ghalhekk il-Qorti trid tasal ghal din id-decizjoni fuq dak li jirrizulta mill-Atti. Kif ga nghad, ma hemm l-ebda riverta ta' notifika f'dan il-process, pero' rrizulta illi l-incident gara fit-30 ta' Gunju, 2011 u c-citazzjoni ggib id-data 5 ta' Novembru, 2011, bl-ewwel seduta ffissata ghas-27 ta' Settembru, 2011. S'hawnhekk l-azzjoni qieghda fit-terminu u jekk dikinhar l-appellant deher allura d-dehra tieghu hija bizzejjed biex jissodisfa n-notifika u tista titqies bhala data krucjali ghal fini tal-preskrizzjoni. Pero' dikinhar tas-27 ta' Settembru, 2011 ma sar xejn u l-unika haga li hemm fil-verbal hija illi l-kawzi kollha dikinhar gew

diferiti ghal 25 ta' Ottubru, 2011. Dikinhar deher l-akkuzat assistit min Dr. Gian Franco Gauci l-avukat tieghu, quindi l-unika data illi l-Qorti tista torbot ghal fini ta' notifika hija din is-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011fejn bil-prezenza tieghu l-appellant kien qieghed jikkonferma t-tali notifika u jissottometti ruhu ghall-gudizju tal-Qorti. F'din id-data t-terminu ta' tliet xhur lahaq skada u quindi l-azzjoni kienet tinsab preskritta u l-Qorti ma setghetx tkompli bil-kawza.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermal-liberazzjoni ta' l-appellant mir-raba' akkuza, tiddikjara l-bqija ta' l-akkuzi fil-konfront ta' l-appellant bhala preskritti u konsegwentament tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------